**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Sergio Pisani]**

**vs**

**Jesmond Pulis**

**Kumpilazzjoni Numru: 155/17**

**Illum, 17 ta' Novembru, 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Jesmond Pulis detentur tal-karta tal-identità numru 105965M akkuzat talli fl-10 ta' Marzu, 2017 u fil-

jiem, gimghat, xhur u snin ta' qabel din id-data fl-XTC VRT station, Xaghjra road, Zabbar u f'dawn il-gzejjer b'diversi atti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, mghamulin minnu wkoll jekk fi zmienijiet differenti u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda kif dedott fl-Artiklu 18 u aktar billi rrenda ruhu komplici fl-akkuzi odjerni hawn taht skond Artiklu 42 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

i) Talli bhala persuna li tahdem fis settur privat xjentement, matul l-attivitajiet kummercjali taghha, sew b'mod dirett sew permezz ta' xi intermedjarju u bi ksur ta' dmirijiet taghha, ggib ruhha b'xi mod irregolari u dan bi ksur tal-artikolu 121(3) tal-Kapitlu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

ii) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti ta' dan is-subtitolu u ta' xi persuna ohra, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra

tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, u dan bi ksur tal-artikolu 121A(1) tal-Kapitlu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

iii) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi talab, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa u dan bi ksur tal-artikolu 121A(2) tal-Kapitlu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

iv) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew tagha dikjarazzjoni falza jew certifikat falz meta ma kienx ufficjal jew impjegat pubbliku b'abbuz ta' awtorità, Cioe Certifikat tal-VRT lil Awtorita tat-Transport u dan bi ksur tal-artikolu 186 tal-Kapitlu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

v) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal

haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz, Cioe Certifikat tal-VRT u dan bi ksur tal-artikolu 188 tal-Kapitlu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

vi) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'wiehed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 179, jghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli, Cioe Certifikat tal-VRT u dan bi ksur tal-artikolu 187(1) tal-Kapitlu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

vii) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala persuna li tittestja l-vetturi ma harisx, f'kull hin, irregolamenti u standards li ghandhom x'jaqsmu ma' testijiet li jiccertifikaw li l-vettura hija tajba ghat-triq kif stipulat f'dawn ir-regolamenti u approvati mill-Awtorità u dan bi ksur ta regolament 14(1)(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Ligijiet ta' Malta

viii) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala persuna li tittestja l-vetturi afferma rizultat pozittiv ta' test avolja dan it-test ma sehx kompletament u dan bi ksur ta regolament 14(1)(d) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Ligijiet ta' Malta

ix) U aktar talli bhala operatur awtorizzat mill-Awtorità biex topera stazzjon ghat-testijiet tal-vetturi, naqas li l-vetturi li nhargilhom ic-certifikat mill-istazzjon XTC Towing Services Ltd, Xaghjra road, Zabbar kienu kompletament testjati skond il proceduri stabbiliti mill-Awtoria' u dan bi ksur ta regolament 19(1)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Ligijiet ta' Malta.

x) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala operatur awtorizzat mill-Awtorità biex topera stazzjon ghat-testijiet tal-vetturi ma osservax f'kull hin ir-regolamenti u standards dwar it-testijiet tal-vetturi biex jizguraw li dawn huma tajba ghat-triq skont dawn ir-regolamenti, u approvati mill-Awtorità u dan bi ksur ta

regolament 21(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Ligijiet ta' Malta.

xi) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala operatur awtorizzat mill-Awtorità biex topera stazzjon ghat-testijiet tal-vetturi naqas li taht l-ebda cirkustanza, johrog rizultat pozittiv ta' test sakemm ma jkunx sar test komplet u l-oggetti kollha li kellhom jigu ttestjati jkunu konformi mal-kundizzjonijiet u standards mehtiega taht dawn ir-regolamenti, jew ta' test maghmul mill-gdid sakemm dak it-test ma jkunx komplet u l-persuna li taghmel it-testijiet fuq il-vetturi ma tikkonfermax li t-tiswijiet mehtiega jkunu saru u dan bi ksur ta regolament 10(l)(r) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Ligijiet ta' Malta.

xii) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala operatur awtorizzat mill-Awtorità biex topera stazzjon ghat-testijiet tal-vetturi kiser il-kundizzjonijiet imposti minn regolamenti 10(1)(a), 10(1)(b), 10(1)(c), 10(1)(h),

10(1)(j), 10(1)(s) u 10(1)(t), tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Ligijiet ta' Malta.

xiii) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala principal ta kumpannija awtorizzata mill-Awtorità bl-isem ta XTC Towing Services Ltd, Xaghjra road, Zabbar skont dawn ir-regolamenti biex topera stazzjon ghat-testijiet li tittestja l-vetturi hareg certifikat li jkun juri li l-vettura ghaddiet mit-test meta ma tkunx giet ittestjata l-vettura, u dan bi ksur ta Regolament 25(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Ligijiet ta' Malta.

xiv) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala principal, li jimpjega lil xi persuna ohra whole-time, part-time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, ghandha tinnotifika lill-Korporazzjoni b'dak limpieg kif hawn stabbilit dwar kull impieg u dan bi ksur ta regolament 3(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 343.23, tal-Ligijiet ta' Malta.

xv) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala principal meta xi kuntratt ta' xoghol jintemm il-principal ghandu, fi zmien erbat ijiem mid-data tat-tmiem, jinnotifika lill-Korporazzjoni permezz tal-formola ta' tmiem ta' mpieg li hi specifikata fit-Tielet Skeda, u bil-firma tieghu, dwar id-data tat-tmiem ta' dak ix-xoghol u dan bi ksur ta regolament 8(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 343.23, tal-Ligijiet ta' Malta.

xvi) U aktar talli sar recidiv wara li gie ikkundanat ghal-reat b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

xvii) U aktar talli kiser sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mil Magt Dott S. Demicoli LL.D nhar it-23 t' Awissu 2013 liema sentenza saret definittiva u ma tisghax tigi mibdula

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat l-Artikoli indikati 18, 42, 121(3), 121A(1), 12A(2), 186, 188, 187(1) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 14(1)(b), 14(1)(d). 19(1)(a), 21(1), 10(l)(r), 10(1)(a), 10(1)(b), 10(1)(c), 10(1)(h), 10(1)(j), 10(1)(s) u 10(1)(t) u 25(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 tal-Ligijiet ta' Malta u 3(a), 8(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 343.23, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Stante ammissjoni mill-imputat il-Qorti qed ssib lill-istess imputat Jesmond Pulis hati tal-akkuzi mill-wiehed (1) sat-tlettax (13) kif dedotti kontra tieghu stante illi mill-hames (5) akkuza

sat-tlettax (13) huma assorbiti fl-ewwel (1) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum, filwaqt li tilliberah mill-akkuzi sittax (16) u sbatax (17) stante li ma gewx ippruvati.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**